KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI KOKOTT

ippreżentati fit-18 ta' Settembru 2007 [1]

I — Introduzzjoni

1. Mad-dħul ta' l-għaxar Stati Membri ġodda fl-1 ta' Mejju 2004, id-dritt Komunitarju li kien fis-seħħ, jiġifieri l-acquis Komunitarju, ġie estiż għal dawn l-Istati. Madankollu, partijiet kbar minn dan l-acquis Komunitarju ma ġewx ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fid-disa' lingwi uffiċjali ġodda ħlief wara ċertu żmien konsiderevoli. L-awtoritajiet doganali Ċeki imponew sanzjonijiet fuq l-impriża Skoma-Lux sro (iktar 'il quddiem "Skoma-Lux") minħabba li din kienet kisret id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni doganali Komunitarja fiż-żmien li jiġi wara l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, imma qabel il-pubblikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet fl-edizzjoni speċjali Ċeka tal-Ġurnal Uffiċjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha issa tistabbilixxi safejn dawn il-leġiżlazzjonijiet jistgħu jiġu invokati kontra individwi qabel ma jiġu ppubblikati fil-lingwa ta' l-istess.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

II — Il-kuntest ġuridiku

2. Il-pubblikazzjoni tad-dritt sussidjarju huwa rregolat essenzjalment mill-Artikolu 254 KE. Il-paragrafu 2 ta' din id-dispożizzjoni li huwa rilevanti f'dan il-qasam, jiddisponi li:

"Ir-regolamenti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, kif ukoll id-direttivi ta' dawk l-istituzzjonijiet li huma indirizzati lill-Istati Membri kollha, għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.* Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data indikata fihom jew, meta din ma tkunx imniżżla, fl-għoxrin jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni."

3. L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1, tal-15 ta' April 1958, li jistabbilixxi l-

lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea [2] jirregola r-reġim lingwistiku:

"Ir-Regolamenti u dokumenti oħra ta' applikazzjoni ġenerali għandhom ikunu abbozzati fl-għoxrin lingwa uffiċjali."

4. L-Artikolu 2 ta' l-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea [3] (iktar 'il quddiem l-"Att ta' Adeżjoni") jipprevedi li:

"Mid-data ta' l-adeżjoni, id-dispożizzjonijiet tat-Trattati oriġinali u l-atti adottati mill-istituzzjonijiet u l-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-adeżjoni għandhom jorbtu l-Istati Membri l-ġodda u għandhom japplikaw f'dawk l-Istati Membri bil-kondizzjonijiet kif imniżżla f'dawk it-Trattati u f'dan l-Att".

5. L-Artikolu 58 ta' l-Att ta' Adeżjoni jirregola r-reġim lingwistiku u l-pubblikazzjoni:

"It-test ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet u tal-Bank Ċentrali Ewropew adottati qabel l-adeżjoni u mħejja mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni jew mill-Bank Ċentrali Ewropew fil-lingwa: Ċeka, Estona, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Slovakka, Slovena għandhom, mid-data ta' l-adeżjoni, ikunu awtentiċi bl-istess kondizzjonijiet bħat-test fil-ħdax-il lingwa attwali. Għandhom ikunu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea jekk it-test tal-lingwi attwali kienu hekk ġew pubblikati."

6. Eżattament wara l-adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri fl-1 ta' Mejju 2004, ġie ppubblikat avviż f'diversi edizzjonijiet tal-Ġurnal Uffiċjali [4]. Fil-verżjoni stampata tal-

2 — ĠU 1958, 17, p. 385, kif emendat bl-Att ta' Adeżjoni.

3 — ĠU 2003, L 236, p. 33.

4 — ĠU 2004, L 169 sa 174, rispettivament fuq wara ta' l-aħħar paġna tal-volum, iktar 'il quddiem l-"avviż lill-qarrej".

Ġurnal Uffiċjali kif ukoll fl-edizzjoni fis-CD-ROM, l-avviż jgħid li ġej:

"Avviż lil qarrej

Edizzjoni speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea li għandha t-testi ta' l-atti ta' l-instituzzjonijiet u tal-Bank Ċentrali Ewropew adottati qabel l-adeżjoni se tiġi ppubblikata fil-lingwa Estona, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Slovakka, Slovena u Ċeka. Il-volumi ta' din l-edizzjoni se jidhru progressivament bejn l-1 ta' Mejju u l-aħħar tas-sena 2004.

Il-pubblikazzjoni hi pendenti, il-verżjoni elettronika tat-testi tinsab fuq EUR-Lex.

L-indirizz tas-sit EUR-Lex hu: http://europa.eu.int/eur-lex/fr/accession.html"

7. Madankollu, fl-edizzjonijiet korrispondenti tal-Ġurnal Uffiċjali fuq is-sit elettroniku tal-EUR-Lex ġiet ippubblikata verżjoni oħra Ċeka, ta' l-inqas b'mod provviżorju, li wieħed kien għad seta' jaċċedi għaliha sal-25 ta' Ġunju 2007, li mill-1 ta' Awwissu 2007 ġiet issostitwita bil-verżjoni fil-lingwa Ċeka kif riprodotta hawn isfel. Dik l-ewwel verżjoni kienet intitolata "Oznámení Komise", jiġifieri komunikazzjoni tal-Kummissjoni, u kien fiha fraži oħra fit-tieni subparagrafu:

"Ta po nezbytnou dobu představuje zveřejnění v Úředním věstníku Evropské unie podle článku 58 aktu o přistoupení z roku 2003."

Skond din id-dispożizzjoni, il-pubblikazzjoni fuq il-EUR-Lex kienet tgħodd bħala pubblikazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att ta' Adeżjoni sa meta ġiet ippublikata l-edizzjoni speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali [5].

8. Il-proċedura fil-kawża prinċipali tirrigwarda l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 199 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE)

5 — Michael Bobek, The binding force of Babel, *EUI Working Papers Law* 2007/06, p. 11 (= European Law reporter 2007, 110 [114]), jiċċita wkoll il-verżjoni Inġliża ta' din il-fraži ("[...] and will in the meantime constitute publication in the *Official Journal of the European Union* for the purposes of Article 58 of the 2003 Act of Accession"). Bi tweġiba għall-mistoqsija magħmula waqt is-seduta, il-Kummissjoni ma ċaħditx l-eżistenza ta' din is-sentenza. Madankollu, din ma tidhirx la fil-verżjonijiet stampati tal-Ġurnal Uffiċjali bil-Franċiż, bl-Inġliż u bil-Ġermaniż, la fil-verżjoni CD-Rom tal-Ġurnal Uffiċjali bil-lingwa Ċeka, u lanqas fil-verżjonijiet elettroniċi tal-Ġurnal Uffiċjali li kienu aċċessibbli waqt it-tlestija ta' dawn il-konklużjonijiet.

Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju [6]:

"Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli ta' dispożizzjonijiet penali l-preżentazzjoni fl-uffiċju doganali ta' dikjarazzjoni ffirmata mid-dikjarant jew ir-rappreżentant tiegħu għandha tirrendih responsabbli skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ għal:

— l-eżattezza ta' l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni,

— l-awtentiċità tad-dokumenti mehmuża,

— u

— konformità ma' l-obbligi kollha li jirrelataw mad-dħul tal-merkanzija in kwistjoni taħt il-proċedura kkonċernata."

9. Skond avviż ta' l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (OPOCE) ippreżentat mill-Kummissjoni, dan l-artikolu ġie ppubblikat fis-27 ta' Awwissu 2004 fil-lingwa Ċeka, fil-verżjoni oriġinali u li għadha fis-seħħ sa llum, f'edizzjoni speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali.

III — Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

10. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, Skoma-Lux, timporta u tbiegħ l-inbid fir-Repubblika Ċeka. L-amministrazzjoni doganali Ċeka akkużataha li din kellha dettalji mhux eżatti f'diversi dikjarazzjonijiet doganali fir-rigward ta' l-inbid importat bejn il-11 ta' Marzu u l-20 ta' Mejju 2004, fejn, minkejja l-indikazzjonijiet korrispondenti ta' l-awtoritajiet doganali, l-inbid ma ġiex ikklassifikat taħt il-kategorija tajba fil-nomenklatura magħquda. Għaldaqstant l-amministrazzjoni doganali waħħlet multa lil Skoma-Lux. Il-vjolazzjoni doganali kkontestata tikkonsisti fil-vjolazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt doganali Ċek u, f'dak li jikkonċerna l-proċedura preżenti, ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 199 tar-Regolament Nru 2454/93.

11. Skoma-Lux ikkontestat il-multa, fejn indikat b'mod partikolari li fiż-żmien meta seħħew il-fatti, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 199 tar-Regolament Nru 2454/93 ma kienx għadu ġie ppubblikat regolarment fil-lingwa Ċeka fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

6 — ĠU L 253, p. 1, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2286/2003, tat-18 ta' Diċembru 2003 (ĠU L 343, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 2454/93").

12. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Krajský soud v Ostravě, il-qorti ta' l-appell ta' Ostrava, għamlet is-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Jista' l-Artikolu 58 ta' l-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, li bih ir-Repubblika Ċeka saret Stat membru ta' l-Unjoni Ewropea b'effett mill-1 ta' Mejju 2004, jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jista' japplika, fil-konfront ta' individwu, regolament li, fid-data li fiha jiġi applikat, ma jkunx ippubblikat regolarment fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-lingwa ta' l-Istat Membru in kwistjoni?

2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-inapplikabbiltà tar-regolament in kwistjoni fil-konfront ta' l-individwi hija kwistjoni ta' interpretazzjoni jew kwistjoni ta' validità tad-dritt Komunitarju, fis-sens ta' l-Artikolu 234 KE tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea?

3) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-domanda preliminari tikkonċerna l-validità ta' l-att Komunitarju, fis-sens tas-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1987, Foto-Frost (314/85, Ġabra p. 4199), ir-Regolament Nru 2454/93 huwa null fil-konfront tar-rikorrenti u tal-kwistjoni li għandha ma' l-awtoritajiet doganali tar-Repubblika Ċeka, minħabba n-nuqqas ta' pubblikazzjoni regolari fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni?"

13. Skoma-Lux, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Renju ta' l-Isvezja kif ukoll il-Kummissjoni pparteċipaw fil-proċedura bil-miktub. Skoma-Lux u r-Repubblika ta' l-Estonja ma ħadux sehem fis-seduta, filwaqt li r-Repubblika Slovakka kif ukoll il-partijiet l-oħra ċċitati iktar 'il fuq ipparteċipaw.

IV — Evalwazzjoni ġuridika

14. It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda essenzjalment il-konsegwenzi li jġib miegħu n-nuqqas tal-pubblikazzjoni ta' regolament Komunitarju f'ċerti lingwi uffiċjali.

15. L-ewwel domanda hija dwar jekk Stat Membru, fil-konfront ta' ċittadin ta' l-Unjoni, jistax jinvoka regolament Komunitarju qabel ma t-test jkun ġie ppubblikat fil-lingwi uffiċjali rispettivi fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

16. It-tieni u t-tielet domanda jirrigwardaw il-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata l-invaliditá ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji [7]. Jekk in-nuqqas ta' pubblikazzjoni regolari f'ċerti lingwi uffiċjali kellu jġib l-invaliditá — probabbilment provviżorja u limitata għal ċerti Stati Membri — tad-dispożizzjonijiet Komunitarji, dan ikun jeħtieġ *stricto sensu* konstatazzjoni espressa tal-Qorti tal-Ġustizzja f'kull każ partikolari.

17. Peress li l-kwistjoni tal-validitá ta' l-atti li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali fil-lingwi uffiċjali kollha tiġi qabel dik ta' l-applikabbiltà tagħhom għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni, jeħtieġ li tingħata tweġiba l-ewwel nett lit-tieni u jekk ikun il-każ lit-tielet domanda.

A — *Fuq it-tieni domanda preliminari*

18. Biex tingħata tweġiba għal din id-domanda, jeħtieġ li jiġi eżaminat is-sinjifikat tal-pubblikazzjoni ta' att fil-lingwa uffiċjali ta' l-Istat Membru kkonċernat.

19. Mill-ewwel parti tal-frażi ta' l-Artikolu 2 ta' l-Att ta' Adeżjoni għandu jiġi dedott li n-natura vinkolanti tad-dritt Komunitarju fisseħħ għall-Istati Membri ġodda hija distinta mill-punt dwar jekk dan ġiex diġà ppubblikat regolarment fil-lingwi uffiċjali kollha tagħhom. Fil-fatt, skond dan l-Artikolu, l-atti fisseħħ għandhom jorbtu l-Istati Membri l-ġodda ma' l-adeżjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kontraenti, li ċertament mill-Artikolu 10 KE jiddeduċu wkoll obbligu, waslu wkoll għall-istess konklużjoni.

20. Jeħtieġ madankollu li wieħed jagħmel distinzjoni bejn in-natura vinkolanti *għall-*Istati Membri ġodda u l-validitá *f'*dawn l-Istati. Skond it-tieni parti ta' l-Artikolu 2 ta' l-Att ta' Adeżjoni, l-atti li huma fis-seħħ ma japplikawx awtomatikament bl-istess mod fl-Istati Membri l-ġodda, imma japplikaw biss taħt il-kondizzjonijiet kif imniżżla fit-Trattati u fl-Att ta' Adeżjoni. Bl-applikazzjoni fl-Istati Membri l-ġodda wieħed għandu jifhem b'mod partikolari l-applikazzjoni fil-konfront ta' individwu.

21. Waħda mill-kundizzjonijiet ta' l-Att ta' Adeżjoni hija l-obbligu tal-pubblikazzjoni kkontemplat fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 58, fejn jingħad li l-verżjonijiet ta' l-atti għandhom ikunu ppubblikati fil-Ġurnal

7 — Sentenzi Foto-Frost, iċċitata iktar 'il fuq, punt 15 *et seq*, tas-6 ta' Diċembru 2005, Gaston Schul Douane-expediteur (C-461/03, Ġabra p. I-10513, punt 17).

Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea jekk it-test tallingwi attwali kienu hekk ġew pubblikati. Il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tippermetti lill-persuni kkonċernati sabiex jieħdu konjizzjoni tal-kontenut tar-regoli rilevanti, ħaġa li fil-fatt għandhom jagħmlu. Wara l-pubblikazzjoni, ħadd ma jista' jinvoka n-nuqqas ta' tagħrif fuq il-kontenut tal-Ġurnal Uffiċjali [8].

22. Fil-fatt dan huwa dak li tippreċiża l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att ta' Adeżjoni għal-lingwi ta' l-Istati Membri ġodda. Skond din id-dispożizzjoni, dawn il-verżjonijiet lingwistiċi huma awtentiċi taħt l-istess kundizzjonijiet bħat-testi fil-lingwi ta' l-Istati Membri antiki. Konsegwentement, dawn jeħtieġu wkoll il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

23. Madankollu l-konsegwenzi li joħorġu min-nuqqas ta' din il-pubblikazzjoni għadhom ma jirriżultawx ċari.

24. Fuq dan il-punt, jiena nista' naqsam il-fehma ta' l-avukat ġenerali Lenz, fejn jgħid li rekwiżit elementari għal xi obbligu li jkun impost fuq ċittadin bl-atti leġiżlattivi hija l-pubblikazzjoni kostituttiva bil-pubblikazzjoni f'Ġurnal Uffiċjali [9]. Il-kunċett tal-pubblikazzjoni kostituttiva huwa bbażat fuq id-dritt kostituzzjonali Ġermaniż, fejn il-promulgazzjoni ta' liġi tifforma parti integrali fil-ħolqien tad-dritt [10]. Qabel il-promulgazzjoni tagħha, il-liġi ma tkunx teżisti. Il-prinċipju ta' l-istat tad-dritt jitlob promulgazzjoni uffiċjali, li tippermetti lill-pubbliku sabiex jieħu konjizzjoni, b'mod affidabbli, tad-dritt li jkun fis-seħħ [11].

25. L-istess tkun il-konklużjoni kieku l-Qorti tal-Ġustizzja tittrasponi s-sentenza Hoechst vs Il-Kummissjoni, dwar in-notifika ta' deċiżjoni lid-destinatarji tagħha, għall-pubblikazzjoni ta' atti ta' portata ġenerali. Skond din is-sentenza, fir-rigward tan-notifika ta' att, bħal kull forma sostantiva oħra, jew l-irregolarità hija tant gravi u evidenti li ġġib magħha l-ineżistenza ta' l-att kontestat [12], jew hija tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-forom sostantivi li jistgħu jġibu l-annullament tiegħu [13]. Din is-sentenza tmur kontra s-

8 — Sentenzi tat-12 ta' Lulju 1989, Friedrich Binder (161/88, Ġabra p. 2415, punt 19), u tas-26 ta' Novembru 1998, Covita (C-370/96, Ġabra p. I-7711, punt 26). Fis-sentenza tal-15 ta' Mejju 1986, Oryzomyli Kavallas vs Il-Kummissjoni (160/84, Ġabra p. 1633, punti 15 u 19) ġie rikonoxxut li, ftit xhur wara l-adeżjoni tal-Greċja, l-awtoritajiet u l-operaturi ekonomiċi ta' dan il-pajjiż ma kellhomx l-obbligu li jirrikonoxxu l-kontenut tal-Ġurnal Uffiċjali. B'kuntrast ma' dak li jsostni l-Gvern tal-Polonja, mill-proċess ta' din il-kawża jirriżulta li, fid-data rilevanti, skond il-Kummissjoni l-att in kwistjoni kien diġà ġie ppubblikat fl-edizzjoni speċjali Griega tal-Ġurnal Uffiċjali minn lejliet l-adeżjoni tal-Greċja.

9 — Konklużjonijiet tad-9 ta' Frar 1994, Faccini Dori (C-91/92, Ġabra p. I-3325, punt 64).

10 — Ara l-Artikolu 82 tal-Liġi fundamentali Ġermaniża u s-sentenzi tal-Bundesverfassungsgericht tad-19 ta' Marzu 1958 (2 BvL 38/56, BVerfGE 7, 330 [337]) kif ukoll tat-8 ta' Lulju 1976 (1 BvL 19 u 20/75, 1 BvR 148/75, BVerfG 42, 263 [283]).

11 — Sentenza tal-Bundesverfassungsgericht tat-22 ta' Frar 1994, it-tmien sentenza fil-qasam tax-xandir tar-radju (1 BvL 30/88, BVerfG 90, 60 [86]).

12 — Ara s-sentenza tal-15 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs BASF *et* (C-137/92 P, Ġabra p. I-2555, punti 48 *et seq*).

13 — Sentenza tat-8 ta' Lulju 1999, Hoechst vs Il-Kummissjoni (C-227/92 P, Ġabra p. I-4443, punt 72).

sentenza antika ICI vs Il-Kummissjoni, fejn ingħad li l-irregolaritajiet fil-proċedura tannotifika ta' deċiżjoni huma estranji għall-att u ma jistgħux jivvizzjawaha [14].

26. Hawnhekk mhuwiex meħtieġ li tingħata tweġiba għall-kwistjoni dwar liema miż-żewġ sentenzi tapplika f'każ ta' deċiżjoni individwali. Il-fatt li wieħed jissuġġetta l-validità ta' l-atti ta' portata ġenerali għall-pubblikazzjoni mingħajr żbalji fil-lingwi kollha, f'kull każ, ikun qiegħed jissuġġetta l-effett utli ta' l-istess atti għal riskju sproporzjonat.

27. Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1, il-Komunità għandha tippubblika l-atti fil-lingwi uffiċjali kollha. Konsegwentement, ir-riskju ta' żball huwa konsiderevolment ogħla milli kieku l-pubblikazzjoni trid issir f'lingwa waħda. Dawn l-iżbalji lanqas ma jkunu manifesti mill-ewwel, peress li l-parti l-kbira ta' l-utenti ma jikkonsultawx ħlief il-lingwa proprja tagħhom.

28. Id-differenzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi probabbilment jikkostitwixxu l-iktar eżempju prattiku importanti ta' dawn ir-riskji. L-iżbalji fit-traduzzjoni tal-verżjoni oriġinali jista' jkollhom effett kemm fuq il-formazzjoni tal-volontà ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji kif ukoll fuq l-affidabbiltà tal-pubblikazzjoni.

29. Madankollu huwa l-obbligu tal-partijiet li jipparteċipaw fil-proċess deċiżjonali li jassiguraw il-konformità tat-traduzzjoni rilevanti għalihom mal-verżjonijiet l-oħra ta' abbozz ta' xi liġi. L-istess japplika b'mod partikolari għall-Kunsill, fejn l-Istati Membri jistgħu jieħdu sehem determinanti fil-finalizzazzjoni tat-traduzzjonijiet [15]. L-effetti tad-differenzi fit-traduzzjoni fuq il-formazzjoni tal-volontà politika, bħala prinċipju, ma jiġġustifikawx għalhekk l-abrogazzjoni ta' l-atti.

30. Il-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma invokat il-konsegwenzi li joħorġu mid-differenzi tat-traduzzjoni fuq l-individwi biex tħassar l-atti. Mill-banda l-oħra, hija enfasizzat f'ġurisprudenza kostanti, il-ħtieġa li tingħata interpretazzjoni uniformi tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi fl-interess ta' l-effettività tad-dritt Komunitarju. F'każ ta' differenza bejniethom,

14 — Sentenza ta' l-14 ta' Lulju 1972, Imperial Chemical Industries vs Il-Kummissjoni (48/69, Ġabra p. 619, punt 39).

15 — Dan ix-xogħol isir fost l-oħrajn minn grupp ta' esperti ġuridiċi u lingwistiċi fejn l-Istati Membri huma rrappreżentati b'mod ugwali; ara per eżempju l-Komunikazzjoni CM 2467/07 tas-27 ta' Lulju 2007, (http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/07/cm02/cm02647.en07.pdf).

id-dispożizzjoni in kwistjoni tiġi interpretata skond il-kuntest ġenerali u ta' l-għan aħħari tar-regoli li tagħhom tifforma parti [16]. Bħala konklużjoni jingħad li ċerti verżjonijiet lingwistiċi jistgħu japplikaw bl-esklużjoni ta' oħrajn [17].

31. Fuq l-istess linja ta' ħsieb, anke fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw il-pubblikazzjoni bħala tali, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kkontestatx il-validità ta' l-att ikkonċernat.

32. B'hekk, f'sensiela ta' kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja siltet l-eżistenza tad-drittijiet talħaddiema Torok mid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-Iżvilupp ta' l-Assoċjazzjoni [18]. Din id-deċiżjoni ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-fatt li ma ssirx il-pubblikazzjoni, jekk dan fil-fatt jista' jkun ta' ostaklu sabiex jiġu imposti xi obbligi fuq xi individwu, mhuwiex tali li jċaħħad lill-istess individwi milli fakultà li, fir-rigward ta' awtorità pubblika, jinvokaw drittijiet li dawn id-deċiżjonijiet jagħtuhom [19]. Peress li l-individwi jistgħu għalhekk jinvokaw — għall-inqas fir-rigward ta' l-Istat — atti tad-dritt Komunitarju li ma jkunux ippubblikati, il-pubblikazzjoni mhijiex kundizzjoni li taffettwa l-validità tagħhom.

33. Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda hija li l-fatt li ma tkunx saret il-pubblikazzjoni ta' regolament f'ċerti lingwi uffiċjali ma jaffettwax il-validità tiegħu. Dan lanqas ma jinvolvi għalhekk l-obbligu li l-qorti nazzjonali tagħmel rinviju preliminari.

B — *Fuq it-tielet domanda preliminari*

34. Fid-dawl tar-risposta mogħtija lit-tieni domanda preliminari, mhuwiex neċessarju li tingħata risposta għat-tielet domanda.

C — *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

35. Anki jekk in-nuqqas ta' pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ma

16 — Ara per eżempju s-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1969, Stauder (29/69, Ġabra p. 419, punt 3); tat-23 ta' Novembru 2006, ZVK (C-300/05, Ġabra p. I-11169, punt 16), u tat-14 ta' Ġunju 2007, Euro Tex (C-56/06, Ġabra p. I-4859, punt 27).

17 — Ara s-sentenzi tat-3 ta' Marzu 1977, North Kerry Milk Products (80/76, Ġabra p. 425, punt 11); tas-17 ta' Ottubru 1996, Lubella (C-64/95, Ġabra p. I-5105, punt 18), u ZVK, iċċitatat iktar 'il fuq (punt 22).

18 — Ara s-sentenzi tas-16 ta' Frar 2006, Torun (C-502/04, Ġabra p. I-1563); tas-26 ta' Ottubru 2006, Güzeli (C-4/05, Ġabra p. I-10279), u tat-18 ta' Lulju 2007, Derin (C-325/05, Ġabra p. I-6495), kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi tat-18 ta' Lulju 2007, Payir *et* (C-294/06), pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

19 — Sentenza ta' l-20 ta' Settembru 1990, Sevince (C-192/89, Ġabra p. I-3461, punt 24).

jaffettwax il-validità ta' regolament, dan ma jfissirx li l-istess regolament jista' jiġi invokat fil-konfront ta' xi individwu. Kif għadna kif semmejna, il-Qorti tal-Ġustizzja straħet pjuttost fuq l-idea taċ-ċertezza ġuridika sabiex tiġġustifika l-impożizzjoni ta' l-obbligi fuq l-individwu.

37. Wieħed jista' jimmaġina li l-pubblikazzjoni fi ftit mil-lingwi uffiċjali hija biżżejjed sabiex tagħti l-possibbiltà meħtieġa biex wieħed isir jaf biha. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet espressament l-eżistenza ta' prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju li jassigura lil kull ċittadin id-dritt li kull ma jista' jaffettwa l-interessi tiegħu jiġi dejjem imfassal fil-lingwa tiegħu [23].

1. Fuq l-applikabbiltà fil-konfront ta' individwu

36. Fl-1979, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li prinċipju fundamentali fl-ordni ġuridiku Komunitarju jitlob li l-att ta' l-awtoritajiet pubbliċi ma jkunx jista' jiġi invokat fil-konfront ta' individwu qabel ma l-istess individwu jkollu l-possibbiltà li jkun jaf bih [20]. Fil-fatt, ir-rekwiżit mandatorju ta' ċertezza legali jeżiġi li leġiżlazzjoni Komunitarja tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu preċiżament il-portata ta' l-obbligi li hija timponi fuqhom [21]. Dan ir-rekwiżit taċ-ċertezza legali għandu jiġi rispettat b'rigorożità partikolari fil-każ ta' leġiżlazzjoni li jista' jkollha konsegwenzi finanzjarji [22].

38. Għal dak li jikkonċerna r-regoli ġenerali li jimponu xi obbligi fuq iċ-ċittadin — fissustanza jiġifieri r-regolamenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ġustament ċaħdet li tillimita l-ugwaljanza bejn il-lingwi. Hija kkonstatat għalhekk li l-individwu mhuwiex mistenni li jkun jaf il-kontenut tal-Ġurnal Uffiċjali ħlief meta l-edizzjoni in kwistjoni tkun effettivament disponibbli fil-lingwa tiegħu [24].

39. B'mod assolutament simili, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenzi fuq id-denominazzjonijiet protetti ta' l-oriġini "Prosciutto di Parma" (perżut ta' Parma) u "Grana Padano" (ġobon iebes ħafna tat-tramuntana ta' l-Italja), ikkonstatat li ċerti kundizzjonijiet għall-użu ta' dawn id-denominazzjonijiet ma jistgħux jiġu invokati kontra operaturi ekonomiċi peress li dawn ma nġiebux għall-

20 — Sentenzi tal-25 ta' Jannar 1979, Racke (98/78, Ġabra p. 69, punt 15), u Weingut Decker (99/78, Ġabra p. 101, punt 3).

21 — Sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1987, Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni (348/85, Ġabra p. 5225, punt 19); ta' l-1 ta' Ottubru 1998, Ir-Renju Unit vs Il-Kummissjoni (C-209/96, Ġabra p. I-5655, punt 35); ta' l-14 ta' Diċembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-245/97, Ġabra p. I-11261, punt 72); kif ukoll ta' l-20 ta' Mejju 2003, Ravil (C-469/00, Ġabra p. I-5053, punt 93), u Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita (C-108/01, Ġabra p. I-5121, punt 89).

22 — Sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1987, L-Olanda vs Il-Kummissjoni (326/85, Ġabra p. 5091, punt 24); tas-16 ta' Marzu 2006, Emsland-Stärke (C-94/05, Ġabra p. I-2619, punt 43); tas-26 ta' Ottubru 2006, Koninklijke Coöperatie Cosun (C-248/04, Ġabra p. I-10211, punt 79), u tal-21 ta' Ġunju 2007, Stichting ROM-projecten (C-158/06, Ġabra p. I-5103, punt 26).

23 — Sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Kik vs HABM (C-361/01 P, Ġabra p. I-8283, punt 82).

24 — Sentenzi Covita ċċitata iktar 'il fuq (punt 27), u tat-8 ta' Novembru 2001, Silos (C-228/99, Ġabra p. I-8401, punt 15), li t-tnejn li huma jirreferu għas-sentenza Racke ċċitata iktar 'il fuq (punt 15), li madankollu ma ssemmix espressament l-aspett tal-verżjoni lingwistika waħdanija.

konjizzjoni tagħhom b'pubblikità adegwata fil-leġiżlazzjoni Komunitarju [25]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma segwietx il-proposta ta' l-avukat ġenerali Alber li qal li kien biżżejjed li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mingħand il-Kummissjoni [26].

40. F'dawn il-kawżi, id-denominazzjonijiet għall-perżut imqatta', il-ġobon maħkuk kif ukoll il-prodotti ppakkettati rispettivi ma setgħux jiġu użati ħlief jekk l-istess prodotti jkunu ġew imqatta', maħkuka, jew ippakkettati fir-reġjun tal-produzzjoni. Għall-inqas fil-każ tal-"Prosciutto di Parma", dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma kinux jeżistu ħlief bit-Taljan u għaldaqstant ma setgħux jiġu invokati kontra l-operaturi ekonomiċi fir-Renju Unit [27].

41. Kif ġustament tenfasizza l-Litwanja, kwalunkwe konklużjoni oħra, jiġifieri r-rifjut tal-pubblikazzjoni fil-lingwa tal-persuna kkonċernata, tmur kontra t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 21 KE, fejn jingħad li l-istituzzjonijiet jew ċerti organizzazzjonijiet għandhom jikkorrispondu maċ-ċittadini ta' l-Unjoni b'waħda mil-lingwi msemmija fl-Artikolu 314 KE [28]. Jekk korrispondenza informali għandha tkun f'lingwa uffiċjali magħżula miċ-ċittadin ta' l-Unjoni, allura *a fortiori*, huma biss dawk il-obbligi li jkunu ġew ippubblikati fil-lingwa uffiċjali tiegħu li jistgħu jiġu invokati fil-konfront tiegħu [29].

42. Jekk regoli li ma jkunux ġew ippubblikati ħlief f'lingwi oħra jkunu jistgħu jiġu invokati fil-konfront tiegħu, huwa jkun żvantaġġat ukoll — kif tenfasizza wkoll il-Litwanja — meta mqabbel ma' ċittadini oħra ta' l-Unjoni li jistgħu jinfurmaw ruħhom fuq l-obbligi tagħhom fil-lingwa proprja tagħhom. L-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att ta' Adeżjoni, teskludi preċiżament dan l-iżvantaġġ, billi tipprovdi li l-lingwi l-ġodda jkunu awtentiċi bl-istess kundizzjonijiet bħat-test fil-lingwi ta' l-Istati Membri l-qodma. Il-fatt li n-natura vinkolanti tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi tkun suġġetta għal diversi rekwiżiti li jirrigwardaw il-pubblikazzjoni tagħhom huwa inkompatibbli ma' din id-dispożizzjoni.

43. Mit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 2 ta' l-Att ta' Adeżjoni jirriżulta li r-regolamenti Komunitarji, bħala prinċipju, ma jistgħux jiġu invokati fil-konfront ta' ċittadini ta' l-Istati Membri l-ġodda, skond it-tieni sen-

25 — Ara s-sentenzi Prosciutto di Parma u Ravil, iċċitati iktar 'il fuq punti 95 *et seq* u punti 99 *et seq* rispettivament.

26 — Konklużjonijiet tal-25 ta' April 2002, Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita (C-108/01, Ġabra P. I-5121, punti 125 *et seq*).

27 — Sentenza Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita, iċċitata iktar 'il fuq (punt 98).

28 — Sentenza Kik vs HABM, iċċitata iktar 'il fuq (punt 83).

29 — Ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 1970, ACF Chemiefarma vs Il-Kummissjoni (41/69, Ġabra p. 661, punti 48 sa 52).

tenza ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att ta' Adeżjoni, ħlief wara l-pubblikazzjoni xierqa tagħhom fil-lingwi uffiċjali rispettivi ta' l-istess Stati.

47. Jidher ukoll li f'ċerti edizzjonijiet tal-Ġurnal Uffiċjali deher "Avviż lil qarrej" li indika fost l-oħrajn li l-pubblikazzjoni fuq l-Internet kienet qiegħda tissostitiwixxi l-pubblikazzjoni meħtieġa fis-sens ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att ta' Adeżjoni sakemm toħroġ l-edizzjoni speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali. Din il-fraži dehret ukoll b'mod partikolari fil-25 ta' Ġunju 2007 fil-verżjoni elettronika Ċeka tal-ĠU 2004, L 169 [30].

2. Fuq il-pubblikità adegwata

44. Fid-dawl ta' l-analiżi magħmula sa issa, jeħtieġ allura li jiġi stabbilit jekk l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 199 tar-Regolament Nru 2454/93 ġiex ippubblikat b'mod regolari fiż-żmien meħtieġ.

48. Madankollu dan l-avviż ma jistax iwassal sabiex kull forma ta' kif it-testi leġiżlattivi jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tiġi rikonoxxuta bħala pubblikità adegwata. Din hija fil-fatt nieqsa minn kull bażi ġuridika. F'dawn iċ-ċirkustanzi, din hija differenti mill-komunikazzjoni tal-konsegwenzi eventwali li joħorġu min-nuqqas ta' notifika dwar l-għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni, li ġiet regolarment invokata mill-Qorti tal-Ġustizzja [31] sabiex teskludi l-protezzjoni ta' l-aspettattiva leġittima tad-destinatarji ta' l-għajnuna.

45. Skond it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att ta' Adeżjoni kif ukoll l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 254(1) u (2) KE, il-pubblikità adegwata tipprežumi l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. Fil-każ preżenti, din il-pubblikazzjoni, fil-forma ta' edizzjoni speċjali fil-Ġurnal Uffiċjali, ma seħħitx ħlief wara d-dikjarazzjonijiet doganali sanzjonati. Konsegwentement l-istess pubblikazzjoni ma tiġġustifikax li d-dispożizzjonijiet in kwistjoni jiġu invokati fil-konfront ta' Skoma-Lux.

49. Hija għal din ir-raġuni li, kif isostnu wkoll il-Kummissjoni u l-partijiet l-oħra kollha, il-pubblikazzjoni fuq l-internet ma tistax tissostitwixxi l-pubblikità adegwata.

46. Ċerti partijiet, fosthom il-Kummissjoni, josservaw madankollu li t-traduzzjoni Ċeka ta' l-att in kwistjoni kif irriveduta mill-Kunsill u mill-Kummissjoni kienet disponibbli, qabel l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, fuq is-sit bla ħlas ta' l-internet EUR-Lex ta' l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. Kull persuna kkonċernata kellha għalhekk il-possibbiltà li tinforma ruħha fuq ir-regoli in kwistjoni.

30 — Għad-dettalji, ara iktar 'il fuq punti 6 *et seq* ta' dawn il-konklużjenijiet.

31 — Sentenzi ta' l-20 ta' Settembru 1990, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-5/89, Ġabra p. I-3437, punti 14 u 15); ta' l-24 ta' Frar 1987, Acciaierie e Ferriere Lombarde Falck vs Il-Kummissjoni (304/85, Ġabra p. 871, punt 158); tas-7 ta' Marzu 2002, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-310/99, Ġabra p. I-2289, punt 102), ta' l-1 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-99/02, Ġabra p. I-3353, punt 19), u tad-29 ta' April 2004, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-372/97, Ġabra p. I-3679, punt 110).

50. Il-Kummissjoni ssemmi barra minn hekk il-"pubblikazzjoni" fil-forma stampata tat-30 ta' April 2004 tar-regoli kollha tad-dritt sussidjarju tradotti fil-lingwa Ċeka li kienu fis-seħħ. Din tidher fir-reġistru ta' l-Uffiċċju u twaħħlet fil-bini ta' l-istess Uffiċċju.

51. Din il-"pubblikazzjoni" lanqas ma hija pubbliċità adegwata. Fin-nuqqas ta' riferiment rispettiv bil-mezzi normali ta' pubblikazzjoni, jiġifieri fil-Ġurnal Uffiċjali, ħadd ma seta' jieħu in kunsiderazzjoni din il-"pubblikazzjoni". Din it-tip ta' pubblikazzjoni ma tippermettix li jiġi assigurat li din l-edizzjoni effettivament waslet għand il-pubbliku.

52. Jeħtieġ għalhekk li jiġi kkonstatat li l-Komunità ma għamlitx pubbliċità adegwata fil-lingwa Ċeka, ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 199 tar-Regolament Nru 2454/93 qabel il-promulgazzjoni tiegħu fl-edizzjoni speċjali Ċeka tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

3. Fuq l-importanza tal-pubblikazzjonijiet nazzjonali

53. It-talba għal deċiżjoni preliminari ssemmi madankollu forom oħra ta' pubblikazzjoni tar-regoli in kwistjoni fil-lingwa Ċeka, jiġifieri l-pubblikazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi Ċek fuq l-internet u l-possibbiltà li wieħed jikkonsulta l-leġiżlazzjoni rilevanti għand l-awtoritajiet doganali. Tqum għalhekk il-kwistjoni dwar jekk fir-Repubblika Ċeka setax kien hemm pubbliċità adegwata tat-testi Komunitarji konformi mad-dritt nazzjonali.

54. Li wieħed jiddubita min-natura regolari jew le tal-pubblikazzjoni nazzjonali tad-dritt Komunitarju — partikolarment ir-regolamenti applikabbli direttament — jista' jwassal għal ċerta konfużjoni. Wieħed m'għandux jagħti l-impressjoni żbaljata li dawn ir-regolamenti jeħtieġu traspożizzjoni fl-ordni ġuridiku nazzjonali [32]. Mill-banda l-oħra, l-applikabbiltà diretta ta' regolament Komunitarju ġustament ma teħtieġ ebda att ta' traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali [33], u b'mod partikolari ebda pubblikazzjoni mill-Istati Membri.

55. Madankollu l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li, f'ċerti ċirkustanzi, jistgħu jkunu utli r-riferimenti għad-dispożizzjonijiet Komunitarji applikabbli direttament [34]. Barra minn hekk, ir-riproduzzjoni ta' ċerti punti ta' xi regolament Komunitarju jistgħu jkunu fl-

32 — Ara s-sentenzi tas-7 ta' Frar 1973, Il-Kummissjoni vs L-Italja (39/72, Ġabra p. 101, punt 17); tat-28 ta' Marzu 1985, Il-Kummissjoni vs L-Italja (272/83, Ġabra p. 1057, punt 26), u ta' l-24 ta' Ġunju 2004, Handlbauer (C-278/02, Ġabra p. I-6171, punt 25).

33 — Sentenzi ta' l-10 ta' Ottubru 1973, Variola (34/73, Ġabra p. 981, punt 10), u tat-2 ta' Frar 1977, Amsterdam Bulb (50/76, Ġabra p. 137, punt 4).

34 — Sentenza tas-7 ta' Novembru 1972, Cobelex (20/72, Ġabra p. 1055, punt 20).

interess tal-koerenza interna tad-dispożizzjonijiet ta' attwazzjoni u tat-tifsira tajba ta' l-istess min-naħa tad-destinatarji tagħhom [35].

56. L-istess jiġri fir-rigward tal-pubblikazzjoni nazzjonali, sakemm ma tkunx saret il-pubblikazzjoni Komunitarja regolari fil-lingwa uffiċjali kkonċernata. Iktar milli tippreġudika l-applikabbiltà diretta tar-regolamenti, dan isaħħaħaha.

57. Is-sentenza tal-Qorti fuq id-denominazzjoni protetta ta' l-oriġni "Grana Padano" hija eżempju tajjeb ta' dan. Il-Qorti tal-Ġustizzja tat il-possibbiltà lill-qrati nazzjonali li jinvokaw ir-regoli in kwistjoni fil-konfront ta' operaturi ekonomiċi meta dawn ikunu ġew ippubblikati b'mod regolari fil-kuntest ta' regoli nazzjonali preċedenti [36].

58. Il-punt dwar jekk il-forom ta' pubblikazzjoni msemmijin jistax ikollhom dan l-effett huwa qabel xejn kwistjoni teknika ta' dritt li l-qorti tar-rinviju għandha ssolvi. Il-kriterji tad-dritt Komunitarju joħorġu fuq kollox mill-prinċipju ta' l-ekwivalenza u mill-prinċipju ta' l-effettività [37]. Skond il-prinċipju ta' l-ekwivalenza, il-pubblikazzjoni sussidjarja nazzjonali tad-dispożizzjonijiet Komunitarji għandha tiggarantixxi ċ-ċertezza legali għall-inqas bl-istess mod bħall-pubblikazzjoni tad-dritt nazzjonali fl-Istat Membru kkonċernat. Bl-istess mod, ikun inkompatibbli mal-prinċipju ta' l-effettività li l-pubblikazzjoni nazzjonali tad-dispożizzjonijiet Komunitarji tiggarantixxi ċ-ċertezza legali f'livell inqas mill-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

4. Fuq l-applikazzjoni ġenerali ta' l-acquis Komunitarju qabel il-pubbliċità adegwata

59. Fin-nuqqas ta' pubbliċità adegwata fuq livell Komunitarju, jeħtieġ li wieħed jistaqsi jekk, fil-kawża preżenti, tkunx iġġustifikata deroga mill-prinċipju li jgħid li jistgħu jiġu invokati biss ir-regoli li jkunu ġew regolarment ippubblikati fil-lingwa partikolari.

60. Il-prinċipju ta' ċertezza legali, b'mod ġenerali, jipprekludi li r-*ratione temporis* ta' att Komunitarju jibda jiddekorri minn data qabel il-pubblikazzjoni tiegħu. Madankollu

35 — Sentenza tat-28 ta' Marzu 1985, Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 27).

36 — Sentenza Ravil, iċċitata iktar 'il fuq (punt 103).

37 — Ara per eżempju s-sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Wells (C-201/02, Ġabra p. I-723, punt 67); tas-26 ta' Ottubru 2006, Mostaza Claro (C-168/05, Ġabra p. I-10421, punt 24); tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (C-432/05, Ġabra p. I-2271, punt 43), u tas-7 ta' Ġunju 2007, Van der Weerd *et* (C-222/05, Ġabra p. I-4233, punt 28).

jista' jkun hemm eċċezzjonijiet primarjament meta għan ta' interess ġenerali jeżiġi dan jew fit-tieni lok, meta l-aspettattivi leġittimi tal-partijiet ikkonċernati jiġu osservati b'mod xieraq [38].

63. Anke jekk il-leġiżlatur kien ippreveda deroga mill-prinċipju tan-non retrospettività, il-kundizzjonijiet li taħthom tapplika l-istess deroga mhumiex sodisfatti fil-kawża preżenti.

61. Deroga ta' din it-tip tista' tirriżulta mill-avviż lil qarrej ċċitat iktar 'il fuq [39], li, għall-inqas f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi, kien jindika li l-pubblikazzjoni fuq l-internet kienet tapplika provviżorjament sakemm issir il-pubblikazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att ta' Adeżjoni. L-obbjettiv tad-deroga huwa li tkun permessa l-applikazzjoni ta' l-acquis Komunitarju qabel il-pubblikità adegwata fl-Istati Membri ġodda. Il-fiduċja tal-persuni kkonċernati tiġi protetta bil-pubblikazzjoni tat-test fuq l-internet.

64. Il-pubblikità adegwata ta' l-acquis Komunitarju kollu f'disa' lingwi uffiċjali tirrappreżenta bla ebda dubju impenn partikolari. L-interess li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jiġi assigurat l-effett utli tad-dritt Komunitarju jista' għalhekk jiġġustifika xi attenwanti fir-rigward tal-forma tal-pubblikità [40].

62. Madankollu, sempliċi avviż, li fil-verżjoni tiegħu attwalment disponibbli, lanqas jippermetti li jiġu identifikati l-awturi tiegħu, ma jista' jipprovdi ebda deroga mir-regola ġenerali, bħal dik ikkontemplata fil-każ in eżami fl-Artikoli 2 u 58 ta' l-Att ta' Adeżjoni. Hija għal din ir-raġuni li deroga bbażata fuq din il-bażi hija eskluża.

65. B'kuntrast b'mod partikolari ma' l-opinjoni ta' l-Estonja u tal-Kummissjoni, il-pubblikazzjoni fuq l-internet, kif seħħet effettivament f'dan il-każ, ma tipproteġix il-fiduċja leġittima tal-persuni kkonċernati. Mill-aspett purament prattiku, din il-forma ta' pubblikazzjoni tagħti lill-operatur ekonomiku li juża l-mezzi moderni ta' komunikazzjoni l-istess l-possibbiltà, jekk mhux aħjar, li jsir jaf dwar ir-regoli in kwistjoni bħall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali. Fil-kawża preżenti, madankollu, kien hemm numru ta' problemi marbutin ma' l-affidabbiltà ta' din il-pubblikazzjoni.

38 — Sentenzi Racke ċċitata iktar 'il fuq (punt 20); tal-11 ta' Lulju 1991, Crispoltoni (C-368/89, Ġabra p. I-3695, punt 17); tad-29 ta' April 2004, Gemeente Leusden u Holin Groep (C-487/01 u C-7/02, Ġabra p. I-5337, punt 59), u tas-26 ta' April 2005, "Goed Wonen" (C-376/02, Ġabra p. I-3445, punt 33).

39 — Ara l-punti 6 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

40 — Il-pubblikazzjoni f'edizzjoni speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali probabbilment m'għandhiex l-istess kwalità bħall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali normali: b'hekk, l-edizzjoni speċjali ma tippermettix li wieħed ikun jaf meta l-volum in kwistjoni jkun ġie ppubblikat, jiġifieri meta effettivament kien disponibbli.

66. Il-pubblikazzjoni fuq l-internet ma tistax tiggarantixxi l-affidabbiltà ta' pubblikazzjoni ekwivalenti għal dik tal-verżjoni stampata sakemm ma jkunx hemm miżuri addizzjonali li jassiguraw il-permanenza u l-awtenticità tal-pubblikazzjoni [41]. Għandu jkun possibbli li tiġi kkonsultata l-pubblikazzjoni oriġinali fil-futur — bl-istess mod bħall-verżjoni stampata — sabiex jiġi kkonstatat liema huma r-regoli li jkunu ġew effettivament ippromulgati. Konsegwentement, l-emendi sussegwenti għandhom jiġu ppubblikati separatament f'rettifika. L-interventi minn persuni mhux awtorizzati għandhom jiġu eskluži wkoll, sabiex ma jkunx jista' jiġi ppubblikat xi test żbaljat bħala test vinkolanti.

67. L-"Avviż lil qarrej" iċċitat iktar 'il fuq [42] juri li fil-EUR-Lex — mhux biss eventwalment fil-pubblikazzjoni provviżorja ta' l-acquis Komunitarju fil-lingwi ta' l-Istati Membri ġodda — dawn il-garanziji kienu neqsin. L-avviż deher fil-lingwi uffiċjali kollha f'diversi edizzjonijiet tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Dawn l-edizzjonijiet jitpoġġew fuq il-EUR-Lex taħt forma ta' dokumenti PDF, li fid-dehra tagħhom jikkorrispondu mal-verżjoni stampata tal-Ġurnal Uffiċjali. Minħabba din l-impressjoni viżiva, wieħed jista' għalhekk jippretendi li għall-inqas din il-pubblikazzjoni fuq l-internet tkun daqstant affidabbli daqs il-Ġurnal Uffiċjali nnifsu.

68. Din l-impressjoni ta' fiduċja hija fil-fatt falza. Illum wieħed ma jistax ikun jaf min huwa l-awtur ta' dan l-avviż, mentri fil-25 ta' Ġunju 2007, fuq l-internet, għall-inqas ir-riproduzzjoni tal-verżjoni Ċeka tal-Ġurnal Uffiċjali kien għadu jikkwalifika dan id-dokument bħala komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Wieħed kien għadu jista' jsib ukoll il-fraži li llum hija nieqsa, li kien jgħid li l-pubblikazzjoni fuq l-internet kienet tgħodd bħala pubblikazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att ta' Adeżjoni. Ma sar ebda riferiment għall-emendi tad-dokument. L-iskoperta ta' l-emendi fil-verżjoni Ċeka saret biss b'kumbinazzjoni. Il-fatt li l-emendi kienu jirrigwardaw ukoll il-pubblikazzjoni fuq l-internet ta' verżjonijiet lingwistiċi oħra jirriżulta biss minn artikolu wieħed [43]. Il-pubblikazzjoni fuq l-internet ma tikkostitwixxix sors li huwa affidabbli biżżejjed, għall-inqas f'dawn iċ-ċirkustanzi.

69. Barra minn hekk, jeħtieġ li wieħed isemmi il-problema prattika ta' l-aċċess għall-pubblikazzjoni ta' l-*acquis* Komunitarju fil-lingwi uffiċjali ġodda fuq l-internet. L-indirizz ta' l-internet indikat [44] kien jieħdok għall-paġna bl-Ingliż, fejn wieħed seta' jikklikkja fost l-oħrajn fuq il-link ġdid "Ċek". Il-paġna li kienet tidher dak iż-żmien kienet turi l-ewwel livell ta' l-indiċi tad-dritt Komunitarju bl-Ingliż, li minnu wieħed kien jasal għall-preżentazzjoni ta' l-indiċi tad-diversi kapitli, li kienu disponibbli wkoll bl-Ingliż. Kien minn hemm biss li wieħed kien jaċċedi

41 — Ara Bobek, M. iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, p. 12.

42 — Ara punti 6 *et seq* tal dawn il-konklużjonijiet.

43 — Ara l-artiklu ta' Bobek, M., iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

44 — http://europa.eu.int/eur-lex/fr/accession.html, paġna kkonsultata fil-25 ta' Ġunju 2007. Jidher li din il-paġna saret issa inaċċessibbli.

għall-paġna li ssemmi atti bit-titoli tagħhom bil-lingwa Ċeka. Wieħed ma kienx isib l-att li jkun irid ħlief jekk dan ma jkunx għażel issotto kapitoli t-tajjeb. Jidher li huwa pjuttost improbabbli li, mingħajr ma wieħed ikun jaf bl-Ingliż, utent tad-dritt Ċek seta' jsib l-att li huwa jkun irid f'din il-ġungla [45].

70. Jekk mill-banda l-oħra din il-persuna kienet taf bl-Ingliż, allura din setgħet tinduna bl-"Avviż Legali importanti" riprodott hawn isfel, kif anness mal-pubblikazzjoni provviżorja ta' l-acquis Komunitarju kif ukoll malpaġni l-oħra kollha tal-EUR-Lex:

"ma jistax jiġi ggarantit li dokument disponibbli on-line jirriproduċi b' mod eżatt test addottat uffiċjalment. Il-leġislazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea ppubblikata fl-edizzjonijiet tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea filforma stampata biss hija meqjusa awtentika" [46].

71. Konsegwentement, il-pubblikazzjoni fuq il-EUR-Lex imsemmija fl-"Avviż lil qarrej" ma kinitx affidabbli u lanqas ma kienet tippretendi li għandha din l-affidabbiltà. Barra minn hekk, huwa diffiċli li wieħed jagħrafaha mingħajr ma jkun jaf l-Ingliż. F'dawn iċ-ċirkustanzi wieħed diffiċilment seta' jippretendi lill-persuni kkonċernati li japplikaw it-testi li jinsabu riprodotti hemmhekk.

72. Il-fatt li diversi nies, u probabbli kważi l-utenti tad-dritt kollha jużaw is-sit tal-EUR-Lex biex jinformaw lilhom infushom fuq iddritt Komunitarju, ma jannullax din il-konklużjoni. Fil-fatt, din l-informazzjoni hija ġeneralment iggarantita bil-fatt li f'każ ta' dubju, il-Ġurnal Uffiċjali fil-forma stampata jagħti lill-persuna kkonċernata s-sors ta' informazzjoni affidabbli sabiex tivverifika l-kontenut tal-EUR-Lex. Fil-każijiet ta' l-adeżjoni, din il-possibbiltà madankollu ma kinitx teżisti għal-lingwi l-ġodda qabel il-pubblikazzjoni tar-regoli fl-edizzjoni speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali.

73. Il-fiduċja leġittima lanqas ma setgħet tibbaża lilha nfisha fuq il-pubblikazzjoni stampata fit-30 ta' April 2004, tar-regoli kollha tad-dritt sussidjarju tradotti fiċ-Ċek li kienu fis-seħħ, liema pubblikazzjoni ssemmiet mill-Kummissjoni. Ċertament wieħed jista' jirrikonoxxi din l-edizzjoni stampata ppreżentata fl-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet bħala dokument awtentiku, li jiggarantixxi l-pubblikazzjoni fuq l-internet kif ukoll il-verżjoni stampata fil-Ġurnal Uffiċjali. Madankollu dan jippreżumi li l-pubbliku, partikolarment l-utenti tal-pubblikazzjoni fuq l-internet, kien infurmat bl-eżistenza ta' din il-verżjoni stampata u l-funzjoni tagħha bħala s-sors affidabbli. Xejn ma ġie indikat f'dan is-sens.

45 — Hawnhekk jeħtieġ li jiġi indikat li dawn id-diffikultajiet ta' aċċess għall-pubblikazzjoni korrispondenti ta' l-*acquis communautaire* bil-Bulgaru u r-Rumen ġew rimedjati. Jidher li ċertament ma jeżistix l-avviż lil qarrej korrispondenti, iżda l-pubblikazzjoni provviżorja fuq l-internet hija disponibbli f'dawn il-lingwi fuq il-paġna tal-EUR-Lex u t-taqsiriet tad-dritt Komunitarju fis-seħħ ġew tradotti wkoll.

46 — http://europa.eu/geninfo/legal_notices_fr.htm#disclaimer.

74. Għaldaqstant għandu jiġi kkonstatat li mhijiex prevista ebda deroga mir-rekwiżit tal-pubblikità adegwata. Barra minn hekk, il-forom ta' pubblikazzjoni ta' l-acquis Komunitarju effettivament magħmulin qabel il-pubblikazzjoni ta' l-edizzjoni speċjali fil-Ġurnal Uffiċjali ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet għal tali deroga.

5. Fuq iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ in eżami

75. Il-gvernijiet ta' l-Estonja u tal-Polonja kif ukoll il-Kummissjoni jikkunsidraw safrattant li huwa possibbli li fil-konfront taċ-ċittadini ta' l-Unjoni jistgħu jiġu invokati regoli li ma jkunux ġew regolarment ippubblikati meta dawn iċ-ċittadini kienu jafu fil-fatt b'dawn ir-regoli minħabba ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ in eżami.

76. Barra l-forom ta' pubblikazzjoni fuq l-internet imsemmijin sa issa, dawn jirreferu għall-fatt li, sa minn żmien twil ilu, Skoma-Lux timporta merkanzija b'mod kummerċjali. Għaldaqstant wieħed jista' jippreżumi li hija kienet taf bil-konsegwenzi legali ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka. Jeħtieġ ukoll li jiġi vverifikat jekk Skoma-Lux setgħetx tieħu konjizzjoni ta' verżjonijiet lingwistiċi oħra — li kienu s-suġġett ta' pubblikità adegwata — tar-regoli in kwistjoni. F'kull każ, l-operaturi ekonomiċi kollha jafu bl-obbligu in kwistjoni fil-każ in eżami, jiġifieri dak li jirrilaxxjaw dikjarazzjonijiet doganali korretti.

77. Ir-riferiment għall-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra hija f'dan ir-rigward ftit li xejn konvinċenti peress li dan l-argument diġà ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi "Prosciutto di Parma" u "Grana Padano" [47].

78. Mill-banda l-oħra, l-aħħar argument iċċitat mill-Kummissjoni indirettament jista' jkun ibbażat fuq dawn iż-żewġ sentenzi. F'dawn is-sentenzi l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat espressament li l-protezzjoni mogħtija bid-denominazzjoni protetta ta' l-oriġni ma testendix normalment għall-operazzjonijiet bħalma huma t-tqattiegħ, il-ħakk jew l-ippakkettjar tal-prodott [48]. Minn dan wieħed jista' jasal għall-konklużjoni opposta, jiġifieri li fi kwalunkwe każ, l-obbligi konswetudinarji li l-operaturi ekonomiċi huma marbutin li jkunu jafu jistgħu jiġu invokati fil-konfront tagħhom f'każijiet eċċezzjonali, inkluż meta l-istess obbligi ma jkunux ġew regolarment ippubblikati.

79. Madankollu hemm differenza kbira miż-żewġ kawżi iċċitati iktar 'il fuq. Fil-fatt, l-indikazzjonijiet ta' provenjenza kienu jibbe-

47 — Ara s-sentenzi Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita u Ravil, iċċitati iktar 'il fuq punti 95 *et seq* u punti 99 *et seq* rispettivament.

48 — Ara s-sentenzi Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita u Ravil, iċċitati iktar 'il fuq punti 94 u 98 rispettivament.

nefikaw mingħajr ebda dubju mill-protezzjoni effikaċi tad-dritt Komunitarju. Il-kwistjoni kienet tirrigwarda biss il-portata tal-protezzjoni peress li l-estensjoni ta' l-istess protezzjoni għall-operazzjonijiet imsemmijin hawn fuq ma kinitx ġiet regolarment ippubblikata. Madankollu, jekk il-protezzjoni ta' l-imsemmija operazzjonijiet kienet evidenti, m'hemmx dubju li l-pubblikazzjoni ma kinitx meħtieġa. Fil-każ in eżami, mill-banda l-oħra diġà m'hemmx il-pubblikità regolari ta' l-obbligu prinċipali.

80. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi indikat li l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 199 tar-Regolament Nru 2454/93 ma jeħtieġx biss l-eżatezza ta' l-informazzjoni imma wkoll l-awtentiċità tad-dokumenti meħmuża, u l-konformità ma' l-obbligi kollha li jirrelataw mad-dħul tal-merkanzija in kwistjoni taħt il-proċedura kkonċernata. Il-fatt li operatur ekonomiku għandu jżomm f'moħħu li huwa responsabbli personalment għall-awtentiċità tad-dokumenti [49], anke jekk mhuwiex f'pożizzjoni li janalizzahom, mhuwiex xi ħaġa ovvja. Fi kwalunkwe każ jidher li huwa eskluż li fin-nuqqas tal-pubblikazzjoni kif meħtieġa, huwa jkun jista' jkun jaf b'mod affidabbli u għaldaqstant jirrispetta l-obbligi kollha tad-dritt Komunitarju inerenti għad-dħul tal-merkanzija in kwistjoni taħt il-proċedura kkonċernata.

81. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-pożizzjoni tal-Litwanja, ta' l-Iżvezja, tas-Slovakkja u tar-Repubblika Ċeka hija konvinċenti. Dawn jiċħdu li għandu jsir eżami ta' każ b'każ peress li ċ-ċirkustanzi indeterminati ta' xi każ partikolari, bħala prinċipju, ma jistgħux jaffettwaw l-applikabbiltà tar-regoli legali. Fil-fatt, l-applikazzjoni tad-dritt ssir b'hekk assolutament imprevedibbli. B'mod partikolari, l-individwu ma jkunx jista' jibqa' jiddistingwi meta ċerti regoli jistgħu jiġu invokati fil-konfront tiegħu u meta le. B'hekk iċ-ċertezza ġuridika ma tibqax iggarantita.

82. Anke l-awtoritajiet isibu ruħhom quddiem sitwazzjoni diffiċli. Minflok jippruvaw jaħdmu b'regoli ċari, kif previst u skond il-kapaċitajiet tagħhom, huma jkollhom ukoll jikkontrollaw f'kull każ partikolari jekk u safejn ir-regoli tad-dritt Komunitarju li jkunu għadhom ma ġewx regolarment ippubblikati fil-lingwa tal-persuna kkonċernata jistgħux jiġu invokati fil-konfront ta' l-istess individwu minħabba ċirkustanzi individwali. Dan il-piż addizzjonali jinħass itqal eżatt wara l-adeżjoni, peress li f'dan il-perijodu l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru l-ġdid jaffrontaw iktar xogħol minħabba r-regoli li huma ġodda għalihom [50].

83. Probabbilment is-sitwazzjoni tiġi valutata b'mod differenti meta ċ-ċittadini ta' l-Unjoni jinvokaw id-dispożizzjonijiet li huma favorevoli għalihom iżda, fl-istess kuntest, jirrifjutaw l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet li mhumiex hekk favorevoli

49 — Ara s-sentenzi ta' l-14 ta' Mejju 1996, Faroe Seafood *et* (C-153/94 u C-204/94, Ġabra p. I-2465, punt 115), u tas-17 ta' Lulju 1997, Pascoal & Filhos (C-97/95, Ġabra p. I-4209, punt 57).

50 — Dan huwa muri bis-sentenza Oryzomyli Kavallas vs Il-Kummissjoni, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, dwar l-adeżjoni tal-Greċja.

għalihom. Is-sentenza riċenti Stichting ROM-Projecten [51] qiegħda f'dan is-sens. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet il-possibbiltà li regoli li ma kienux ġew ikkomunikati lill-benefiċjarju ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja jkunu jistgħu jiġu invokati kontrih, salv madankollu l-*bona fide* ta' l-istess [52]. Din il-kawża kienet tittratta l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' sussidji li ma kinux ġew notifikati ħlief lill-Istat membru kkonċernat u mhux lill-benefiċjarju. B'mod partikolari dan il-*modus procedendi* isir importanti fil-kuntest ta' għotja pubblika li tirrigwarda numru limitat ta' każijiet.

84. Fil-każ in eżami, xejn ma jindika madankollu li Skoma-Lux qiegħda tinvoka dispożizzjonijiet li huma favorevoli għaliha. Millbanda l-oħra, dan jirrigwarda obbligi imposti indipendentement mill-prestazzjonijiet statali u f'numru kbir ta' każijiet.

85. Għaldaqstant jiena ma nara ebda ċirkustanza fil-każ in eżami li tippermetti li jiġu invokati d-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju in kwistjoni fil-konfront ta' Skoma-Lux.

6. Konklużjoni provviżorja

86. Mit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 2 ta' l-Att ta' Adeżjoni jirriżulta li skond it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att ta' Adeżjoni, l-ewwel paragrafu ta' Artikolu 199 tar-Regolament Nru 2454/93 ma jistax jiġi invokat fil-konfront ta' ċittadini ta' l-Istati Membri ġodda ħlief wara li jkun ġie regolarment ippubblikat fil-lingwi uffiċjali rispettivi tagħhom.

V — Fuq il-limitazzjoni ta' l-effetti tas-sentenza

87. Il-Gvern tal-Litwanja, tal-Polonja, tas-Slovakkja u tar-Repubblika Ċeka jitlob li s-sentenza għandha jkollha effett biss għall-futur. Kulħadd minbarra s-Slovakkja jipproponi r-retrospettività għall-proċedimenti li huma diġà mibdija.

88. Skond ġurisprudenza stabbilita, l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lil regola ta' dritt Komunitarju, fl-eżerċizzju tal-kompetenza mogħtija lilha mill-Artikolu 234 KE, tikkjarifika u tippreċiża t-tifsira u l-portata ta' din ir-regola, hekk kif għandha jew kellha tinftiehem u tiġi applikata sa mill-mument tad-dħul fis-seħħ tagħha. Minn dan jirriżulta li r-regola hekk interpretata tista' u għandha tiġi applikata mill-qorti anke għal relazzjonijiet legali mnissla u kkostitwiti qabel is-sentenza li tiddeċiedi fuq it-talba għal interpretazzjoni, jekk barra minn hekk

51 — Iċċitata iktar 'il fuq.

52 — Punt 31.

il-kundizzjonijiet li jippermettu li titressaq kawża dwar l-applikazzjoni ta' l-imsemmija regola quddiem il-qrati kompetenti jkunu sodisfatti [53].

89. Konsegwentement l-individwi, bħala prinċipju, għandhom il-possibbiltà li jinvokaw l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tat lil xi dispożizzjoni sabiex iqajmu dubju fir-rigward tar-relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti in *bona fede*. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', b'applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali taċ-ċertezza legali inerenti fis-sistema ġuridika Komunitarja, tillimita din il-possibbiltà. Sabiex tali limitazzjoni tista' tiġi stabbilita, huwa neċessarju li żewġ kriterji essenzjali jiġu sodisfatti, jiġifieri l-*bona fede* tal-persuni kkonċernati u r-riskju ta' konsegwenzi serji [54].

90. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan kien il-każ meta kien hemm riskju ta' riperkussjonijiet ekonomiċi gravi, dovuti b'mod partikolari minħabba n-numru kbir ta' relazzjonijiet ġuridiċi kkostitwiti in *bona fede* abbażi ta' regola li kienet ikkunsidrata bħala validament fis-seħħ, u li kien jidher li l-individwi u l-awtoritajiet nazzjonali kienu ġew imħajra sabiex jadottaw komportament li mhuwiex konformi mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, minħabba inċertezza oġġettiva u kbira fir-rigward tal-portata tad-dispożizzjonijiet Komunitarji, inċertezza din li għaliha kienu kkontribwixxew il-komportamenti stess adottati minn Stati Membri oħra jew mill-Kummissjoni [55].

91. Il-Litwanja, il-Polonja u r-Repubblika Ċeka jinvokaw il-konsegwenzi finanzjarji li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni illimitata tas-soluzzjoni proposta kif ukoll il-*bona fede* ta' l-Istati Membri kkonċernati.

92. Il-possibbiltà ta' konsegwenzi finanzjarji gravi hija evidenti. Matul perijodu ta' diversi xhur, ma setgħux jiġu invokati fil-konfront ta' individwi fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri ġodda, l-obbligi bbażati direttament fuq id-dritt Komunitarju. Dan il-fatt jista' jiġi invokat mill-persuni kkoncernati fir-rigward tad-deċiżjonijiet u miżuri li għad jistgħu ikunu s-suġġett ta' rikors ġudizzjarju. Wieħed ma jistax jeskludi li dan jaffettwa sew il-krediti doganali, multi doganali jew taxxi oħra.

53 — Ara s-sentenzi tat-2 ta' Frar 1988, Blaizot *et* (24/86, Ġabra p. 379, punt 27); tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, Ġabra p. I-4921, punt 141); tat-3 ta' Ottubru 2002, Barreira Pérez (C-347/00, Ġabra p. I-8191, punt 44); tas-17 ta' Frar 2005, Linneweber u Akritidis (C-453/02 u C-462/02, Ġabra p. I-1131, punt 41), u ta' l-10 ta' Jannar 2006, Skov *et* (C-402/03, Ġabra p. I-199, punt 50).

54 — Ara s-sentenzi tat-28 ta' Settembru 1994, Vroege (C-57/93, Ġabra p. I-4541, punt 21); tat-23 ta' Mejju 2000, Buchner *et* (C-104/98, Ġabra p. I-3625, punt 39); tat-12 ta' Ottubru 2000, Cooke (C-372/98, Ġabra p. I-8683, punt 42); Linneweber u Akritidis, iċċitata iktar 'il fuq (punt 42), u Skov *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 51).

55 — Sentenza tat-13 ta' Frar 1996, Bautiaa u Société française maritime (C-197/94 u C-252/94, Ġabra p. I-505, punt 48), li tirreferi għas-sentenza tas-16 ta' Lulju 1992, Legros *et* (C-163/90, Ġabra p. I-4625, punti 30 *et seq*).

93. Mhuwiex l-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tippreċiża f'dan il-każ meta tirriżulta r-responsabbiltà għal dawn il-konsegwenzi u min, mill-Komunità jew mill-Istati Membri ġodda, għandu jassumi l-istess responsabbiltà. Jekk dan il-punt jkollu jiġi analizzat fil-futur, ċertament — kif jindikaw id-diversi Stati Membri kontraenti — ikun irid jiġi meħud in kunsiderazzjoni li l-Artikoli 2 u 58 ta' l-Att ta' Adeżjoni jpoġġu lill-Istati Membri ġodda f'sitwazzjoni diffiċili. Għal dawn l-Istati, l-acquis Komunitarju huwa vinkolanti u għaldaqstant għandhom jimplimentawh. Madankollu, dan ma jistax jiġi invokat fil-konfront taċ-ċittadini tagħhom ħlief jekk huwa jkun ġie regolarment ippubblikat. Din il-pubblikazzjoni trid tkun saret mill-Komunità. Minn dan jirriżulta li mad-daqqa t'għajn, ir-responsabbiltà taqa' fuq il-Komunità [56].

94. Madankollu, skond ġurisprudenza stabbilita, il-konsegwenzi finanzjarji li jistgħu jirriżultaw għal Stat Membru minħabba sentenza mogħtija fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari fihom infushom ma jiġġustifikawx li l-effetti ta' din is-sentenza jiġu limitati fiż-żmien. L-istess għandu japplika jekk il-konsegwenzi finanzjarj tbatihom il-Komunità.

95. Barra minn hekk tqum il-kwistjoni dwar jekk, fil-kawża preżenti, il-*bona fede* ta' dawk il-persuni li jkollhom ibatu l-konsegwenzi, jiġifieri l-Istati Membri u l-Komunità, tistax tiġi preżunta. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kontraenti, ġustament u abbażi tal-ġurisprudenza eżistenti, jindikaw unanimament li l-obbligi tad-dritt Komunitarju ta' l-acquis Komunitarju, bħala prinċipju, ma setgħux jiġu invokati fil-konfront tal-persuni kkonċernati fl-Istati Membri ġodda ħlief wara l-pubblikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rispettivi fl-edizzjoni speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali.

96. L-uniċi differenzi jqumu meta tittieħed in parti l-pożizzjoni invokata b'mod partikolari mill-Gvern ta' l-Estonja u tal-Polonja li ċerti obbligi jkunu jistgħu jiġu invokati fil-konfront taċ-ċittadini partikolarment minħabba l-pubblikazzjoni fuq l-internet u ċ-ċirkustanzi tal-każ in eżami. Din l-applikazzjoni eċċezzjonali diffiċilment tista' tiġġustifika l-*bona fede* fl-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet qabel il-pubblikazzjoni ta' l-edizzjoni speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali.

97. Fil-proċedura preżenti, xejn ma ntwera li jista' jindika l-preżunzjoni tal-*bona fede* fil-pubblikazzjoni tempestiva ta' l-acquis Komunitarju. Ċertament jeħtieġ li jiġi rikonoxxut li din il-pubblikazzjoni kienet tikkostitwixxi biċċa xogħol kbira. Madankollu, il-konsegwenzi inevitabbli li jirriżultaw kellhom jiġu ddeterminati sa mill-bidu. Dan seta' jikkonsisti fi sforzi ikbar sabiex il-pubblikazzjoni sseħħ f'ħin tajjeb jew fi żmien tranżitorju li

56 — Fuq in-negliġenza ta' Stat membru ara s-sentenza Stichting ROM-Projecten, iċċitata iktar 'il fuq (punt 33).

jiġi stabbilit fl-Att ta' Adeżjoni, per eżempju billi wieħed jirrikorri għall-pubblikazzjoni affidabbli fuq l-internet.

98. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja m'għandhiex tillimita l-effetti tas-sentenza fil-kawża preżenti.

VI — Konklużjoni

99. Għaldaqstant, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex twieġeb għaddomandi preliminari kif ġej:

"1) Mit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 2 u mit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, jirriżulta li l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 199 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ma jistax jiġi invokat fil-konfront ta' ċittadini ta' dawn l-Istati Membri ġodda fiċ-ċirkustanzi indikati fit-talba għal deċiżjoni preliminari ħlief wara li jkunu ġew regolarment ippubblikati fil-lingwi uffiċjali rispettivi ta' l-istess ċittadini.

2) In-nuqqas ta' pubblikazzjoni regolari ta' regolament f'ċerti lingwi uffiċjali ma jippreġudikax il-validità tiegħu. Għaldaqstant, dan fih innifsu lanqas ma jobbliga lill-qorti nazzjonali sabiex tressaq talba għal deċiżjoni preliminari."